# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Settembru, 2021**

**Numru 4**

**Rikors Numru 19/20TA**

**Anna Spiteri**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat u Joseph Vassallo**
**għal kull interess li jista jkollu**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Anna Spiteri (ir-rikorrenti) tas-27 ta' Jannar 2020 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

"1. Illi fid-29 ta' Lulju, 2016, il-Pulizija esekuttiva ħarġet taħrika ta' kawża kontra r-rikorrenti fejn akkużata talli:

1) Għamilt lil Joseph Vassallo nġurji u/jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew jekk kont pprovokata nġurjajt b'mod li ħriġt barra mill-limiti tal-provokazzjoni
2) U aktar talli permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika inġurjajt u/jew heddidt lil Joseph Vassallo bi kliem
3) U aktar talli għamilt użu mhux xieraq b'apparat ta' komunikazzjoni elettronika (mobile)

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta ta' Joseph Vassallo.

2. Illi fis-seduta miżmuma quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Ottubru, 2016 dehret ir-rikorrenti, dak iż-żmien, imputata assistita minn Avukat ta' fiduċja tagħha, xehed bil-ġurament Joseph Vassallo, il-prosekuzzjoni eżebiet affidavit ta' WPS 148, rapport tal-inċident, kwerela, affidavit ta' Marisa Gauci in rappreżentanza ta' Vodafone Malta Limited, affidavit ta' Anthony Bonnici in rappreżentanza ta' GO plc u affidavit ta' Amelie Abela in rappreżentanza ta' Melita plc. Dakinhar stess, il-prosekuzzjoni iddikjarat li ma kienx għad fadlilha aktar provi xi tressaq dwar l-akkużi. Id-difiża eċċeppiet il-preskrizzjoni trimestrali fuq l-ewwel imputazzjoni u iddikjarat li ma kellhiex provi aktar xi tressaq. Saret it-trattazzjoni u l-Qorti tal-Maġistrati għaddiet biex iddeċidiet il-kawża.

3. Illi x-xhieda ta' Joseph Vassallo, il-kwerelant, mismuħ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma kienetx traskritta.

4. Illi b'sentenza tal-24 ta' Ottubru, 2016, l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali "*wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali u artikoli 49(a) u (c) tal-Kapitolu 399 qiegħda tiddikjara lill-imputata ħatja tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni (bit-tielet imputazzjoni konsiderata bħala mezz ai fini għat-tieni imputazzjoni) u tikkundannaha għal ħlas ta' multa ta' tliet mitt ewro (€300) filwaqt li tilliberaha mill-ewwel imputazzjoni stante li l-azzjoni hija preskritta.*"

5. Illi l-1 ta' Novembru, 2016 ir-rikorrenti odjerna appellat minn dik is-sentenza u talbet ir-riforma tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tirrevokaha fejn sabitha ħatja tat-tieni u tat-tielet akkuża miġjuba kontriha u tikkonfermaha fejn sabitha mhux ħatja tal-ewwel imputazzjoni. Talbet ukoll li fil-parti tal-piena, jekk l-aggravji tagħha jiġu miċħuda timponi piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

6. Illi fis-seduta miżmuma quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Settembru, 2019, peress li x-xhieda ta' Joseph Vassallo ma kienitx traskritta mill-ewwel Qorti, reġgħa xehed l-istess Joseph Vassallo mill-ġdid.

7. Illi fis-seduta miżmuma quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Novembru, 2019 reġgħa xehed Joseph Vassallo u l-prosekuzzjoni iddikjarat li ma kienx għad fadlilha aktar provi xi tressaq. Illi f'dan l-istadju, r-rikorrenti, tramite d-difensur tagħha talbet li tiddeponi quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell għalkemm hija ma kienitx offriet ix-xhieda tagħha quddiem l-ewwel Qorti. Il-prosekuzzjoni oġġezzjonat għal din it-talba billi ma hemm l-ebda raġuni valida skont il-liġi għaliex għandha tiġi prodotta din il-prova ġdida issa fi stadju ta' reviżjoni u l-Onorabbli Qorti tal-Appell kriminali għaddiet biex ċaħdet

tali talba "*billi l-appellanti ma resqitx raġuni valida għaliex hija ma xehditx quddiem l-ewwel Qorti u issa tixtieq fi stadju ta' reviżjoni, ix-xhieda tagħha hija prova ġdida issa fi stadju tal-appell u għalhekk it-talba tagħha qed tiġi miċħuda".*

8. Illi qabel ma ingħata d-digriet mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali saret trattazzjoni mid-difensur tar-rikorrenti fejn hemm spjega r-raġunijiet il-għala fil-fehma tiegħu, dik l-Onorabbli Qorti kellha tisma' lir-rikorrenti odjerna wara li kien xehed mill-ġdid il-kwerelant Joseph Vassallo. Minkejja din it-trattazzjoni u r-raġunijiet miġjuba, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, kif diġa' ngħad, għaddiet biex ċaħdet dik it-talba.

9. Illi l-appell ġie trattat u differit għas-sentenza għall-31 ta' Jannar, 2020.

10. Illi d-deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Novembru 2019 bid-dovut rispett, hija leżiva għad-dritt fundamentali tar-rikorrenti li jkollha smiegħ xieraq, inkluż in-nuqqas ta' parita ta' armi (*equality of arms*) bejnha u bejn il-prosekuzzjoni.

11. L-ewwel nett jibda biex jingħad li kien impossibbli li l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tkun taf jekk Joseph Vassallo xehedx quddiemha eżattament dak li kien xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk kien impossibbli għal dik l-Onorabbli Qorti tgħid li hija kienet qorti ta' reviżjoni u dan peress li ma kienx hemm traskrizzjoni tax-xhieda tal-istess Joseph Vassallo quddiem l-ewwel Qorti. Għalhekk proprjament ma kien hemm xejn x'tirrevedi l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali. Dik l-Onorabbli Qorti kienet tkun Qorti ta' reviżjoni kieku kien hemm it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Joseph Vassallo mogħtija fis-seduta miżmuma quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Ottubru, 2016 l-għaliex f'dik l-eventwalita kienet tirrevedi l-atti u tara jekk l-aggravji magħmulin mill-appellanti, rikorrenti odjerna, fir-rikors tal-appell tagħha kellhomx jintlaqaw jew le a bażi ta' dik ir-reviżjoni li tagħmel il-provi mressqa mill-partijiet quddiem il-Qorti tal-ewwel istanza.

12. Illi għalhekk, fil-każ odjern, il-Qorti tal-Appell Kriminali, għalkemm verament kienet Qorti tal-Appell. Hija ma baqgħetx aktar qorti ta' reviżjoni iżda saret qorti b'ġurisdizzjoni sħiħa li tisma' l-każ mill-ġdid u tiddeċidieh a bażi tal-provi li jressqu l-partijiet quddiemha inkluż ir-rikorrenti odjerna u dan in omaġġ għal prinċipju tal-parita tal-armi.

13. Illi għalhekk ukoll, u peress li dik l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ma ppermettietx lir-rikorrenti odjerna tixhed quddiemha ma kienx hemm il-parita` tal-armi (*equality of arms*) bejn il-partijiet li ssottomettew ruħhom għal ġudizzju tagħha, l-għaliex filwaqt li l-prosekuzzjoni tellgħet xhud sabiex jinstema' minnha mill-ġdid, l-għaliex filwaqt li l-prosekuzzjoni tellgħet xhud sabiex jinstema' minnha mill-ġdid, l-għaliex ma kienx hemm traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu

mogħtija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Hija ma ppermettietx lir-rikorrenti sabiex tixhed u tirribatti dak li kien qal mill-ġdid quddiemha Joseph Vassallo.

14. Illi s-subartikolu (1) tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jistipula testwalment li *"… kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksurha dwarha*" filwaqt li s-subartikolu (1) tal-artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jistipula testwalment li "*kull persuna li tallega li xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jkun ġie, ikun qed jiġi jew ikun x'aktarx ser jiġi miksur dwarha*".

15. Illi jekk l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali sejra tgħaddi biex tagħti s-sentenza tagħha qabel ma tisma' lir-rikorrenti, d-dritt fundamentali tagħha għal smiegħ xieraq kif hawn fuq spjegat ser jiġi leż.

16. Illi ma dan ir-rikors qiegħed jiġi ntavolat kontestwalment rikors quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali sabiex hija tissospendi l-għoti tas-sentenza tagħha nhar il-31 ta' Jannar, 2020 u dan pendenti l-eżitu ta' dawn il-proċeduri odjerni.

Għaldaqstant ir-rikorrenti, in vista tal-premess, titlob bir-rispett lill-Onorabbli Qorti sabiex:

1. TIDDIKJARA li bil-fatt li hija ma tħallietx tixhed quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali x'aktar ser jiġi miksur u/jew ġie miksur u/jew qed jiġi miksur id-dritt fundamentali tagħha għal smiegħ xieraq hekk kif maħsub fl-artikou 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni anke minħabba ukoll li ma kienx hemm parita ta' armi bejn il-partijiet li ssottomettew ruħhom quddiemha għal ġudizzju tagħha.

2. TORDNA, f'każ li tintlaqa l-ewwel talba tar-rikorrenti, u f'każ li l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tilqa' t-talba tagħha għas-sospensjoni tal-għoti tas-sentenza tagħha nhar il-31 ta' Jannar, 2020, li r-rikorrenti titħalla tixhed.

3. TIDDIKJARA, f'każ li tintlaqa l-ewwel talba tar-rikorrenti, u f'każ li l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ma tilqax it-talba tagħha għas-sospensjoni tal-għoti tas-sentenza tagħha nhar il-31 ta' Jannar, 2020, li l-eventwali sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali hija nulla u bla effett fil-konfront tar-rikorrenti u TAGĦTI dawk ir-rimedji effettivi kollha sabiex tqiegħed lir-rikorrenti fil-posizzjoni li hija tkun tista' tixhed quddiem dik l-istess Qorti.

Bl-ispejjeż."

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat (l-intimat Avukat) tal-21 ta' Frar 2020 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

"1. Illi bazikament ir-rikorrenti qed tallega li l-jedd taghha ghal smigh xieraq fil-proceduri kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija vs. Anna Spiteri* pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) gie vjolat u dan ghaliex l-istess Qorti tal-Appell Kriminali cahdet talba taghha sabiex tixhed fl-istadju tal-appell.

2. Illi l-esponent jibda biex jirrileva li mhux kontestat li bhala parti mill-principju tal-*equality of arms* kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza ghandhom jinghataw opportunita` indaqs biex jipprezentaw provi, jaghmlu kontro-ezamijiet tax-xhieda u sottomissjonijiet. Pero` l-jedd ghal smiegh xieraq irid ukoll jigi ezaminat fit-totalita` tal-proceduri kriminali u dan ghalissa ma jistghax isir peress li l-proceduri in dizamina ghadhom mhux konkluzi.

3. Illi kif ser jigi spjegat iktar 'l quddiem il-gurisprudenza hija konsistenti li ghalkemm id-difiza ghandha jekk tipproduci xhieda pero` dan il-jedd mhuwiex wiehed assolut u ghalhekk ir-rikorrent m'ghandu l-ebda jedd fundamentali li jtella x-xhieda li jrid hu minghajr ebda limiti. Il-Qorti ghandha dejjem is-setgha li tikkontrolla u tiskrutinizza r-relevanza u l-ammissibilita` ta' xhieda mitluba mill-partijiet f'kawza haga li tigri kuljum fil-Qrati taghna.

4. Illi f'dan il-kaz huwa ampjament rikonoxxut, anke ghaliex il-ligi stess tghid hekk, li l-produzzjoni ta' xhieda godda fi stadju ta' appell m'hijiex ammissibbli hlief meta l-ligi stess f'certu cirkostanzi tippermettiha. Galadarba l-kwistjoni odjerna tirrigwarda kawza kriminali li waslet fi stadju tal-appell dak li jghodd ghal din il-kwistjoni huwa l-artikolu 424 tal-Kap 9. Kif ser jigi spjegat f'iktar dettal waqt is-smigh ta' din il-kawza, l-Qrati taghha taw interpretazzjoni ristretta ta' dak li jghid dan l-artikolu. Ghalhekk kienet korretta l-ewwel Qorti meta cahdet it-talba tar-rikorrenti sabiex hi stess tkun tista tixhed fl-appell u dan meta jirrizulta li r-rikorrenti ma xehditx fil-proceduri fl-ewwel istanza. Ma kien hemm l-ebda impediment sabiex ir-rikorrent taghti x-xhieda taghha quddiem il-Qorti tal-Magistrati u allura l-fatt li talbiet li tixhed quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali mhuwiex gustifikat galadarba l-ligi ma tippermettiex xhieda godda fi stadju tal-appell.

5. Illi r-rikorrent ma tistghax tinvoka vjolazzjoni ta' xi jedd fundamentali meta jirrizulta li dak rikjest m'huwiex permess mill-ligi.

6. Illi fuq kollox din il-Qorti fil-vesti kostituzzjonali taghha ma tistghax tintuza bhala Qorti ta' revizjoni biex tirrevedi jew tirrevoka digrieti u decizjonijiet li jkunu inghataw minn Qrati ohra.

7. Illi ghalhekk m'hemm l-ebda vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

9. Bl-ispejjez."

Rat ir-risposta ta' Dottor Ludvic Caruana bħala mandatarju speċjali tal-assenti Tabib Dr. Joseph Vassallo (l-intimat nomine) tal-5 ta' Novembru 2020 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

"Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi r-rikorrenti tressqet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Ottubru 2016 sabiex twiegeb ghal tliet reati.

2. Illi kif solitament jitmexxew is-seduti tal-Qorti tal-Magistrati, f'kawzi ta' natura kriminali, l-ewwel jitressqu l-provi tal-pulizija ezekuttiva, u wara jitressqu l-provi tad-difiza jekk ikun il-kaz. Qieghed jinghad <u>jekk ikun il-kaz</u>, peress illi l-parti imputata, f'dan il-kaz ir-rikorrenti Anna Spiteri tista' taghzel li ma tipproduci l-ebda prova u taghzel li zzomm is-silenzju, dritt tal-imputat li jinsab sancit kemm fil-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropea ghall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

3. Illi f'dan il-kaz hekk gara. L-imputata, u cioe` r-rikorrenti f'din il-kawza ghazlet li zzomm is-silenzju quddiem il-Qorti billi ezercitat id-dritt li ma tipproduci l-ebda prova in difeza. Jirrizulta testwalment mill-verbal tal-24 ta' Ottubru 2016: '*Id-difiza eccepiet il-preskrizzjoni trimestrali fuq l-ewwel imputazzjoni u ddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq. Saret it-trattazzjoni u l-Qorti tal-Magistrati ghaddiet biex iddecidiet il-kawza.*'

4. Jirrizulta ghalhekk mill-verbal illi r-rikorrenti (a) kienet debitament assistita minn avukat; (b) ippartecipat attivament billi eccepiet il-preskrizzjoni tal-ewwel akkuza; (c) iddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq. Bid-dikjarazzjoni taghha hija ghalqet kull possibilita` li tipproduci xhieda, <u>inkluz taghha stess</u>. Wara din id-dikjarazzjoni inkondizzjonata taghha, liema dikjarazzjoni saret quddiem ir-rapprezentant legali taghha, gustament, l-ewwel Qorti ghaddiet u ddecidiet il-kawza.

5. Illi fis-seduta mizmuma quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta' Novembru 2019, u wara li l-Avukat Generali ghalaq il-provi tieghu, ir-

rikorrenti talbiet li tiddeponi quddiem il-Qorti tal-Appell, ghalkemm hija ma kinitx offriet ix-xhieda taghha quddiem l-ewwel Qorti. Gustament l-Avukat Generali oggezzjona ghal din it-talba billi ma kien hemm l-ebda raguni valida skont il-ligi. L-istess Avukat Generali gustament deherlu li din kienet prova gdida, liema prova li mhijiex ammissibbli fi stadju ta' appell.

6. Illi gustamet u kif tirrikjedi kemm il-ligi u l-gurisprudenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali ghaddiet sabiex cahdet tali talba fuq din il-motivazzjoni: '***Billi l-appellanti ma ressqitx raguni valida ghaliex hija ma xehditx quddiem l-Ewwel Qorti u issa tixtieq tixhed fi stadju ta' revizjoni, ix-xiehda taghha hija prova gdida issa fi stadju tal-appell u ghalhekk it-talba taghha qieghda tigi michuda***.'

7. Illi r-rikorrenti qeghda b'din il-kawza odjerna tattakka dan id-digriet u tikkontendi illi dan id-digriet huwa lesiv ghad-drittijiet fundamentali taghha u qieghed fil-fatt jiksrilha d-dritt fundamentali taghha ghal smiegh xieraq hekk kif mahsub fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewroea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

8. Illi r-rikorrenti tavvanza s-segwenti motivazzjonijiet ghall-ksur:

a. Illi kien impossibbli li l-Qorti tal-Appell Kriminali tkun taf jekk Joseph Vassallo xehedx quddiemha ezattament dak li kien xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati u ghalhekk kien impossibbli ghal dik il-Qorti li hija Qorti ta' revizjoni u dan peress illi l-Ewwel Qorti ma ttraskrivietx id-depozizzjoni tax-xiehda tal-prosekuzzjoni allura inkluza dik ta' Joseph Vassallo. Gialadarba x-xiehda ma gietx traskritta, kwindi il-Qorti tal-Appell ma tistax isservi bhala Qorti ta' revizjoni.

b. Illi skont ir-rikorrenti dan wassal ghan-nuqqas tal-*equality of arms*.

c. Illi gialadarba l-Qorti tal-Appell semghet mill-gdid ix-xhieda tal-prosekuzzjoni (senjatament ix-xiehda ta' Joseph Vassallo), kwindi l-Qorti ma baqghetx izjed Qorti ta' revizjoni.

Illi l-motivazzjonijiet avvanzati mir-rikorrenti la ghandhom fundament fattwali u wisq inqas legali u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi r-reat imressaq mill-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kien reat li kien jaqa' fil-kompetenza originali tal-Ewwel Qorti. Fi kliem iehor kien reat li kellu jigi deciz bi procedura sommarja. F'kazijiet konsimili, il-Qorti ghandha kemm jista' jkun tisma' l-kaz kollu u tiddecidieh fl-istess seduta. F'kazijiet eccezzjonali li l-kawza tigi differita ghas-sentenza, jew li x-xiedha tinstema' f'aktar minn darba. Ghalhekk ma jaghmilx sens illi x-xiehda tigi traskritta gialadarba s-sentenza tkun se tinghata fl-istess jum. Ghalhekk mhuwiex difett procedurali illi x-xiehda ma tigix traskritta. Huwa minnu illi x-xiehda li tkun inghatat fil-Qrati Inferjuri, tista' tinbidel meta l-persuna jkun rega'

iddepona quddiem il-Qorti tal-Appell, madankollu dan ma jwassalx ghal ksur tad-drittijiet fundamentali, u ghalhekk ir-rikorrenti ma tistax tistrieh fuq dan biss. Di piu` ma giex pruvat li dan sehh.

2. Illi l-problema principali tar-rikorrenti mhux li dan sehh, ghalkemm qieghda tilmenta li gialadarba l-esponenti rega' xehed mill-gdid peress li x-xiehda tieghu ma gietx traskritta, u allura l-Qorti tal-Appell ma tistax tkun Qorti ta' revizjoni, izda hija r-rinunzja inkondizzjonata taghha li tipproduci xiehda (inkluz ix-xiehda taghha) quddiem l-Ewwel Qorti. Kif gia` inghad quddiem l-Ewwel Qorti, ir-rikorrenti ghazlet li ma tipprodui l-ebda xiehda u li tezercita d-dritt tas-silenzju taghha, wara li l-prosekuzzjoni kienet ezawriet il-produzzjoni tal-provi taghha.

3. Illi kif jirrizulta mill-atti, ir-rikorrenti ghamlet talba sabiex tipproduci x-xiehda taghha fl-istadju tal-Appell. Jirrizulta mill-atti illi l-Qorti ma cahditx it-talba tar-rikorrenti mill-ewwel; izda taghtha l-opportunita` tiggustifika r-raguni ghalfejn ma xehditx quddiem l-Ewwel Qorti. Kien proprju ghaliex ir-rikorrenti ma tatx raguni valida, li l-Qorti cahditilha t-talba. Fi kliem iehor li kieku r-rikorrenti avvanzat raguni valida bhal li l-Qorti qabdet u ghaqet il-provi jew li ma kinitx assistita minn legali, jew li talbet ghal xhud u li dan gie michud lilha, allura aktarx li l-Qorti tal-Appell kienet taghtiha opportunita` li tiddeponi. Madankollu minn dan ma sehh xejn. Wiehed ma ghandux jiddebita illi l-ghazla taghha li ma tixhidx ma hadithiex in konsultazzjoni mal-legali taghha. Jista' jkun li d-decizjoni taghha li ma tixhidx kienet wahda zbaljata, izda l-Qorti tal-Appell ma ghandha qatt isservi sabiex wiehed isewwi zball li jkun ha qabel Ghaliex allura *imputet sibi*.

4. Illi li kieku l-Qorti tal-Appell Kriminali accettat is-semplici rikjesta tar-rikorrenti li tipproduci x-xiehda taghha fuq semplici rikjesta, minghajr raguni valida, allura l-Qorti tal-ewwel grad bil-funzjoni li tisma' l-provi jekk il-parti fil-procedura taghzel li ma tressaqhomx quddiem l-Ewwel Qorti.

5. Illi qieghed jigi sottomess bir-rispett illi dak li qeghda tipprospetta r-rikorrenti b'din il-kawza huwa ferm perikoluz. Dan jista' jwassal ghal abbuz mis-sistema gudizzjarja fejn parti f'kawza jaghzel huwa f'liema forum iressaq il-provi tieghu. Parti jiehu cans fl-ewwel istanza billi ma jiddeponix,u jekk tigih hazina jappella u jitlob li jiddeponi fit-tieni istanza, bit-tama illi din id-darba tigih zewg. Jista' jkun li dan kien il-kaz tar-rikorrenti. Il-fatt illi x-xiehda ta' Joseph Vassallo ma gietx traskritta allura din serviet ta' skuza ghalfejn hi kellha tiddeponi.

6. Illi kieku r-rikorrenti ghazlet li tixhed quddiem l-Ewwel Qorti, allura ma kienx ikollha ghalfejn tilmenta mill-equality of arms ghaliex il-Qorti tal-Appell kien ikollha terga' tismaghha mill-gdid kif semghet lil huha Joseph Vassallo, izda kif inghad gialadarba ma xehditx quddiem l-Ewwel Qorti ma ghandux issa jkollha l-ghazla li tixhed fi stadju ta' appell.

7. Illi bla pregudizzju ghall-allegat ksur, dan l-ilment tar-rikorrenti illum il-gurnata huwa sorvolat. Permezz ta' sentenza parzjali datata 31 ta' Jannar 2020 il-Qorti tal-Appell Kriminali iddecidiet illi s-sentenza impunjata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija nulla u bla effett skont il-ligi u bis-setgha moghtija lilha bl-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali, ordnat is-smiegh mill-gdid tal-kaz fil-mertu bl-aggravji tal-appellanti jitqiesu bhala sottomissjonijiet in difeza, u dan peress li ma gewx osservati r-rekwiziti mehtiega ad validitatem fit-termini tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, kopja informali tas-sentenza qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok A.

8. Illi fil-fatt jirrizulta illi r-rikorrenti tat id-deposizzjoni taghha fid-9 ta' Ottubru 2020 kif jirrizulta minn Dok B u se tissokta bid-depozizzjoni taghha fil-25 ta' Novembru 2020 kif se jigi provat fil-kors tal-kawza.

9. Illi ghalhekk ma tirrizulta l-ebda vjolazzjoni ghad-dritt ta' smiegh xieraq.

Bl-ispejjez."

Rat l-atti u dokumenti kollha tar-rikors;

Rat li permezz ta' nota tat-28 ta' Ġunju 2021 ir-rikorrenti ċediet il-mertu fid-dawl li ġiet liberata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Ġunju 2021 pero' żammet ferm il-kap tal-ispejjes;

Rat il-verbal tat-13 ta' Lulju 2021 fejn l-intimat Avukat tal-Istat u r-rikorrenti qablu li safejn jirrigwarda l-proċeduri ta' bejniethom l-ispejjes għandhom jibqgħu mingħajr taxxa. L-intimat nomine ddikjara li fid-dawl tal-fatt illi l-mertu ġie irtirat huwa jinsisti li rikors għandu jibqa' fuq il-kap tal-ispejjes stante li dan infetaħ inutilment;

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għal Sentenza fuq il-kap tal-ispejjes.

**Konsiderazzjonijiet**

**1.** Mingħajr ma hemm ħtieġa għalfejn tidħol fid-dettal, fir-rikors tagħha fil-qosor tilmenta li fi stadju ta' appell minn Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati Malta, il-Qorti tal-Appell ma laqgħetx it-talba tagħha biex tixhed quddiem dik il-Qorti bl-istess mod li xehed il-kwerelant. L-argument tagħha huwa fis-sens li ġaladarba x-xhieda isfel ma kinietx traskritta, l-opportunita` li jixhed kwerelant fi stadju ta' Appell, kellha titħalla tixhed hi ukoll bl-istess mod. L-argumenti li ressqet ir-rikorrenti huma loġiċi ħafna. Iżda wara li r-rikorrenti ċediet il-mertu kif fuq indikat, dak li trid teżamina din il-Qorti ma huwiex jekk huwiex fondat l-ilment fis-sustanza, iżda jekk ai fini ta' kap tal-ispejjes, fil-konfront tal-intimat Vassallo biss, għandhomx dawn ikunu sopportati unikament minn parti jew oħra.

**2.** Il-Qorti tosserva s-segwenti. Ir-rikors promotur ġie intavolat fis-27 ta' Jannar 2020, tlett ijiem biss qabel ma ingħatat is-Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-31 ta' Jannar 2020. Huwa ovvju, li din kienet presentatat sabiex qabel ma dik il-Qorti tagħti Sentenza f'dik id-data, din il-Qorti tiddeċiedi il-punt minn ottika Kostituzzjonali l-fatt li ma tħallietx tixhed minn dik il-Qorti.

**3.** Dan tant huwa minnu, li r-rikorrenti jidher li mingħajr suċċess, talbet lill-Qorti tal-Appell Kriminali tissoprasjedi pendenti dawn il-proċeduri. Apparti li r-rikorrrenti ħalliet sa kważi lejliet meta kellha tingħata s-

Sentenza, l-anqas ma talbet xi direttiva ad interim lil din il-Qorti tempestivament.

**4.** Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar din is-sitwazzjoni, anke jekk dan ir-rikors tħalla fuq il-Kap tal-ispejjes biss kif ingħad. Il-Qorti tħoss li r-rimedju li qed titlob quddiem din il-Qorti ingħata, mhux bis-Sentenza tal-25 ta' Ġunju 2021 (a' fol 48). Din is-Sentenza pprovdiet dwar ir-rejati jew kontravenzjonijiet li bihom kienet addebitata r-rikorrenti. La darba f'dawn il-proċeduri qed tilmenta li ma ingħatatx l-opportunita' li tixhed, kienet bis-Sentenza tal-31 ta' Jannar 2020 li ngħatat dak ir-rimedju, dik l-istess Sentenza li pprovat twaqqaf bit-talba għas-soprasessjoni pendenti.

**5.** Is-Sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta' Jannar 2020, annullat u ġabet fix-xejn l-ewwel Sentenza ai termini tal-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali li jiddisponi li:

*"Jekk il-qorti superjuri ssib li l-qorti inferjuri, għad li kompetenti biex tisma' l-każ, iddikjarat li ma kinitx hekk kompetenti, għandha tħassar is-sentenza, u tiddeċidi l-kawża fuq il-mertu. L-istess isir meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalità li trid il-liġi taħt piena ta' nullità, jew li tkun xort'oħra sostanzjali".*

**6.** Meta sentenza tkun hekk annullata fiċ-ċirkostanzi bħal dawk fuq imsemmija, fost l-effetti li ġġib magħha hu dak li tqiegħed lill-partijiet fi *status quo ante*. Dan ifisser ukoll li kull parti tista' tressaq kulll prova u anke

tinstema'. Di fatti fis-Sentenza finali tal-25 ta' Ġunju 2021, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Illi l-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' lill-appellanti tixhed quddiemha fejn matul id-depożizzjoni tagħha hi ppruvat tispjega lill-Qorti lisfond tal-kwistjonijiet li għandha mal-familja tagħha u dak li finalment wassal sabiex hi tibgħat dawk il-messaġġi."*

**7.** Minn dan il-bran jemerġi b'mod ċar li r-rikorrenti xehdet f'dawk il-proċeduri. Għalhekk it-tir prinċipali tagħha intlaħaq pero' mhux b'konsegwenza ta' din is-Sentenza, iżda b'dik tal-31 ta' Jannar 2020 li minnha tnissel id-dritt tagħha li tkun tista' tixhed. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem għalfejn ir-rikorrenti ħalliet dan iż-żmien kollu jgħaddi biex presentat in-nota tat-28 ta' Ġunju 2021, ben sena u kważi u nofs wara li ġiet annullata l-ewwel Sentenza Kriminali. Kien ikollha raġun tkompli f'dawn il-proċeduri kieku ma kienx hemm l-ewwwel Sentenza, anke li kieku xorta ġiet illiberata bit-tieni Sentenza, għaliex il-prinċipju involut ma kienx is-sustanza tar-rejat, iżda l-fatt li ma tħallietx tixhed b'mod irraġjonevoli, kif tispjega fir-rikors promotur tagħha.

**8.** Il-Qorti ma ssib xejn pjaċevoli li ebda waħda mill-partijiet ma attiraw l-attenzjoni ta' din il-Qorti bis-sentenza tal-31 ta' Jannar 2020 għaliex li kieku ma kienx ikun hemm dewmien żejjed u bla bżonn.

**9.** Għalhekk il-Qorti tħoss li fid-dawl ta' dan kollu l-ispejjes ta' dawn il-proċeduri fir-rigward tal-intimat Joseph Vassallo għandhom ikunu sopportati mir-rikorrenti, mentri dawk tal-Avukat tal-Istat għandhom jibqgħu bla taxxa billi kull parti tissaporti l-ispejjeż tagħha.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet stante li l-mertu ġie eżawrit kwantu għall-kap tal-ispejjes ta' dawn il-proċeduri billi tiddikjara li sa fejn jirrigwarda lill-intimat Vassallo dawn għandhom ikunu sopportati mir-rikorrenti. Sa fejn jirrigwarda l-Intimat Avukat tal-Istat u r-rikorrenti dawn għandhom jibqgħu bla taxxa.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**